MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 41/2015

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Josette Pullicino nee' Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-30 ta' Jannar 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart

elef, mija u tnejn u sebghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€10,172.48) bilanc ghad-debitu fil-“*Consumer Loan Accounts*” taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “A1 sa A2” u Dok. “B1 sa B2”) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-27 ta’ Novembru 2014 sad-data tal-effettiv pagament, liema loans gew moghtija lilha permezz ta’ skrittura privata datata 4 ta’ Settembru 2008 (Dok. “C”).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok. “C”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuta Josette Vella (a) naqset milli thallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenuta iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta’ Dicembru 2012 (Dok. “D”) u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall Reno Spiteri datata 23 ta’ Frar 2015 fejn thalliet kopja tar-rikors fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ bank attrici (fol. 20 tergo).

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015 il-konvenuta giet imsejjha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-bank attrici ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta dakinhar tat-18 ta' Marzu 2015.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2015, il-konvenuta ma dehritx sabiex twiegeb ghas-subizzjoni tal-bank attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba tal-bank attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-bank attrici s-somma ta' ghaxart elef, mija u tnejn u sebghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€10,172.48) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru 2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur kontra l-konvenuta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------